**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 84**

**Data:** **28 ta' Jannar, 2019**

**Hin:** **1.00pm**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Carmen Vella* | *Vici Sindku* |
| *Shirley-Anne Cecchini* | *Kunsillier* |
| *Anthony Camilleri* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

84.1 Approvazzjoni tal-Minuti tat-83 laqgha tal-Kunsill

84.2 Sqaq fi Triq Trux

84.3 Kalendarju Kulturali ghall-ewwel kwart

84.4 Gemellaggi ma' La Savoia u Miscemi

84.5 Team Building Kors ghall-ghalliema ta' l-Iskola Primarja

84.6 Progetti u Xogholijiet

84.7 Cirkularijiet tad-Dipartiment Gvern Lokali

84.8 Skeda ta' Pagamenti

84.9 Korrispondenza u materji ohra

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

84.10 Aggornament

---

**84.1 Approvazzjoni tal-Minuti tat-82 laqgha tal-Kunsill**

84.1.1 Il-minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**84.2 Sqaq fi Triq Trux**

84.2.1 Is-Sindku spjega li fi Triq Trux hemm sqaq li jinsab ma’ genb ir-residenza ‘Villa Lucis’. Giet migbuda l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm argument dwar dan l-isqaq fejn residenti qed jghidu li dan huwa privat filwaqt li ohrajn qed jghidu li dan huwa pubbliku. Il-Kunsill ircieva il-kuntratti u pjanti minghand xi residenti dwar dan l-imsemmi sqaq liema dokumenti inghataw lill-avukat tal-Kunsill sabiex jaghtina l-parir tieghu. Gie innotat ukoll li l-Kunsill fil-passat kien ta isem lil dan l-isqaq pero’ wara argument mall-familja li qeghda tikkontesta li dan huwa privat il-Kunsill kien qabel li ghandu jitnehha l-isem.

1.07PM Emanuel Muscat dahal ghal-laqgha.

**84.3 Kalendarju Kulturali ghall-ewwel kwart**

84.3.1 Is-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jippublika kalendarju ta’ attivitajiet ghal kull kwart. Gew diskusa l-attivitajiet ghall-ewwel kwart fejn l-ewwel wahda proposta kienet fit-13 ta’ Frar biex issir fashion show b’muzika live u bibita’. Bhala organizzatur ta’ din l-attivita’ l-Kunsill qabel li jigi avvicinat is-Sur Carmelino Refalo li normalment itella’ dawn it-tip ta’ attivitajiet. Il-Kunsill qed jara kemm tigi tiswa u s’issa minghajr Sistema ta’ sound u dawl l-istima diga telghet ghal €1500. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi sabiex din l-attivita’ tigi organizzata.

84.3.2 Attivita’ ohra hija l-Karnival fejn id-data proposta hija 24 ta’ Frar li jkun l-istess gurnata tal-Karnival tan-Nadur. Din tista’ tkun opportunita’ sabiex certu gruppi jinqasmu bejn iz-zewg irhula. Il-Kunsill qabel li l-Karnival ghandu jsir fil-gurnata proposta.

84.3.3 Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill gie avvicinat minn Kunsill li jinsab f’Modica sabiex jattendi ghall-festival tal-qaqocc li jigi organizzat f’dan il-post. Min-naha taghhom huma kienu ukoll qed jipproponu sabiex fl-10 ta’ Marzu jew fl-24 ta’ Marzu jsir festival tal-qaqocc gewwa l-Gharb filwaqt li l-festival li ser isir gewwa Modica u li ghalih huwa mistieden il-Kunsill ser isir bejn it-30 ta’ Marzu u 7 ta’ April.
Gie spjegat li l-festival gewwa l-Gharb ikun jinkludi tisjir minn kokijiet differenti l-

Hadd filghodu fejn kulhadd isajjar ir-ricetta tieghu u fl-ahhar issir kompetizzjoni. Wara li jsaru jkun hemm ukoll *tasting* ghan-nies u ftit muzika, bands u attivitajiet simili. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' ghandha ssir.

84.3.4 Attivita' li giet proposta sabiex terga ssir hija l-Infiorata tal-Melh ghaz-zmien ta' l-Ghid li ssir fl-14 ta' April, Hadd il-Palm. Is-Sindku ppropona sabiex ghal din is-sena jingabu partecipanti minn Sqallija sabiex flok Cirku wiehed isiru tlieta fejn wiehed ikun dak bhas-snin precedenti f'nofs il-Pjazza u tnejn ohra jsiru fuq iz-zuntier. Bhal qabel jista' jigi nkluz ukoll il-kors tal-melh. Is-Sindku spjega ukoll li kienu nhargu skemi ghall-fondi mill-Ministeru ghal Ghawdex fejn il-Kunsill kien ha hsieb li japplika ghal fondi kemm ghall-karnival kif ukoll ghall-Infiorata. Il-Kunsill qabel li ghandu jipprocedi b'din l-attivita'.

84.3.5 Is-Sindku ppropona li jsir festival li jinvolvi l-Hot Air balloons gewwa l-grawnd tal-futbol. Filwaqt li spjega l-ideja ta' dan il-festival huwa ssugerixxa li jsir fuq weekend bid-dati proposti bejn is-26-28 ta' April fejn apparti dawn ikun hemm live cinema, partecipazzjoni ta' model cars li jaghtu show u ohrajn simili. Fl-ewwel gurnata ta' l-attivita' li tkun il-gimgha tkun miftuha ghat-tfal ta' l-iskejjel u l-bqija tal-granet tinfetah ghall-pubbliku in generali. Gie spjegat ukoll li ghal din l-attivita' l-Kunsill applika ghall-fondi mill-Ministeru ghal Ghawdex. L-attivita' giet diskussa mill-Kunsill fejn il-Kunsill qabel unaniment li din l-attivita' ghandha titella'.

84.3.6 Fl-Ghid ser ikun hemm kuncert mill-banda gewwa l-Knisja filwaqt li fic-Centru ser isir dram fuq il-palk. Fuq dan il-punt is-Sindku ssugerixxa sabiex jigi nkluz il-kalendarju ta' l-ghaqdiet lokali fuq il-kalendarju tal-Kunsill. Min-naha taghha l-Vici Sindku ssugerit li l-kalendarju jigi nkluz ukoll fil-website tal-Kunsill.

Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggerimenti u qabel ukoll li ghandu johrog kalendarju ta' kull kwart bl-attivitajiet li ser ikunu qed jigu organizzati.

**84.4 Gemellaggi ma' La Savoia u Niscemi**

84.4.1 Gie spjegat li l-Kunsill gie avvicinat sabiex jidhol f'gemellagg ma' zewg Kunsilli Taljani li kienu La Savoia li jinsab vicin ta' Venezja u Niscemi li qieghed fi Sqallija. Dawn iz-zewg Kunsilli kienu qed jistiednu lil Kunsill sabiex izurhom ghall-ewwel laqgha bejn iz-zewg partijiet. Il-Kunsill qabel li ghandha tinsab data biex isiru dawn iz-zjarat. Il-Kunsill iddiskuta dwar dan u qabel li ghandha nsibu zmien fejn it-titjiriet ta' l-ajru ma jkunux tant gholjin.

Sandanittant fi zmien Hadd il-Palm ser ikunu qed izuruna l-partners tal-progett tar-Rumanija. Peress li dawn ser ikunu fl-istess zmien ta' l-Infiorata tal-melh ikun idejali jekk dawn iz-zewg gruppi jinghaqdu flimkien. Il-Kunsill kien qed jara l-possibilita' ukoll li lid-delegazzjoni ta' La Savoia tigi mistiedna ghal ma' dawn il-gruppi.

Il-Kunsill qabel li ghandu jorganizza l-attivita' ghal Hadd il-Palm.

**84.5 Team Building Kors ghall-ghalliema ta' l-Iskola Primarja**

84.5.1 Is-Sindku spjega li meta saret iz-zjara ta' San Polo dei Cavallieri kien hemm talba sabiex isir team building ta' l-ghalliema. Ghal dan il-ghan huwa ssugerixxa sabiex il-Kunsill jikkollabora ma' l-iskola biex isir it-team building bejn l-ghalliema ta' l-iskola primarja ta' l-Gharb u dawk ta' San Polo dei Cavallieri. Min-naha tieghu il-Kunsill ikun jista' jassisti fil-flights u fl-akkomodazzjoni. Emanuel Muscat issugerixxa li bhala akkomodazzjoni nitolbu lil San Polo dei Cavallieri jipprovduha huma u meta jsir gewwa Malta jigi provdut mill-Kunsill taghna. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel li ghandu jikkollabora ma' l-iskola f'din l-inizjattiva.

**84.6 Progetti u Xogholijiet**

84.6.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill ghadu kemm ifinalizza x-xogholijiet fuq il-progett taht il-Mizura 4.3 u ghalhekk il-perit qieghed jipprepara l-kontijiet sabiex jigu pprocessati l-pagamenti. Li ghad baqa' jsir huwa r-railing pero' dan huwa apparti mill-progetti nnifsu.

84.6.2 Xogholijiet ohra huma dawk tat-toroq fejn hemm Triq il-Madonna tal-Virtut li ghad baqa t-tieni wicc tat-triq biex tkun tista' titkompla. Tqajjmet diskussjoni dwar dan fejn gie innotat li dan il-kuntrattur mhux qed ikompli x-xogholijiet u ghaldaqstant il-Kunsill qabel li jiehu parir jekk jistax jidhol kuntrattur iehor jekk dan jibqa' ma jigix.

Xogholijiet ohra relatati ma' toroq huma tal-Mizura 4.3 li dawn issa tlestew u qeghdin jingabru l-kontijiet sabiex il-Perit jipprepara l-kontijiet relatati ma' dan il-progett. Li ghad baqa' xogholijiet huwa railing li sar waqt l-andament tax-xogholijiet pero' mhux parti mill-progett.

Il-Kunsill irid ikompli bix-xogholijiet tat-toroq fejn trid issir Triq Tumas Cassar. Jekk din it-triq ma' tkun lesta, mhux ser ikun possibli li jinghata aktar fondi. Fuq din it-triq, is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-gimgha ta' qabel kellu laqgha mall-Water Services Corporation fejn dawn talbu sabiex il-Kunsill ihallas ta' l-ispejjez relatati max-xogholijiet tas-servizzi. Is-Sindku spjega li bhala main gdid huwa reponsabilita' tal-korporazzjoni li taghmlu. Il-Water Services ser jaghmlu main iehor fuq il-genb l-iehor fejn din it-triq ser tkun b'zewg mains. Min-naha taghhom huma ser ihallsu €18,000 u l-Kunsill irid ihallas €800. Is-Sindku spjega li dawn ix-xogholijiet jassiguraw sabiex wara ma jkunx hemm ghalfejn issir trinka ohra. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li l-kuntrattur ghandu jigi kkuntatjat fejn jinghata data u jaghmel depozitu. Jekk ma' jzommx mad-data jitlef id-depozitu.

84.6.3 Is-Sindku spjega li l-Gvern Centrali u l-Knisja qablu mall-familja kkoncernata

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

sabiex tinfetah it-triq Tumas Cassar. Il-Kunsill iddiskuta dan is-suggett u qabel li ghandu jaghmel pressjoni sabiex din tinfetah mill-iktar fis.

84.6.4 Ix-xogholijiet fuq il-Creativity Hub mexjin u fil-hmistax li gejjin ghandhom jehlu l-aperturi tal-aluminium. Hekk kif jinhelsu dawn jibdew jidhlu l-affarijiet ta' gewwa. Kien deciz li bhala ghazla tal-ghamara ghandha tithalla f'idejn il-kollaboratur Conrad Klaus u din ghandha tkun ordnata sakemm ma taqbisx id-*direct order*. Kwalinkwa apparat u ghamara li jaqbez id-*direct order* ghandhom johorgu s-sejhiet normali. Fir-rigward tal-iscanner l-Kunsill kien infurmat li ser tinhareg offerta' u dwar appart iehor ghall-progett 'steam' qed ikun esplorat f' apparat li hemm bzonn. Il-parti tal-gym ukoll ghaddejja bix-xogholijiet fejn bhalissa ghaddejin bix-xoghol ta' tikhil u xoghol fuq l-elettriku. Gie spjegat li l-ghalliem tal-PE kien talab li l-art tkun parquet flok madum sabiex jintuza bhala gym fejn wara ricerka fuq is-suq gie innotat li bhala prezz bit-twahhil b'kollox jigi l-istess.

84.6.5 Il-Vici Sindku staqsiet dwar il-progett tan-*night shelter*. Is-Sindku spjega li l-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni ghadejja b'diskussjonijiet dwar il-ftuh u l-operat tan-*night shelter* mall-awtoritajiet koncernati.
Emanuel Muscat staqsa jekk l-ghamara kienetx tpoggiet fil-post fejn is-Sindku kkonferma li dawn kienu tpoggew.

84.6.6 Is-Sindku spjega li fil-gimgha li ghaddiet il-Kunsill permezz tal-haddiema tieghu kien installa railing f'Wied il-Mielah peress li l-haddiema tal-Ministeru ma riedux li jinstallawh huma. Ghal dan il-ghan kienu gew zewg taljani sabiex jassistu fit-twahhil tieghu.

84.6.7 Gie spjegat li bhala offerti kienu ser jinhargu tal-bini tal-hitan tas-sejjieh, tar-resurfacing tat-toroq u tal-muturi elettrici. Il-Kunsill qabel li dawn ghandhom jinhargu malajr u jibqghu fis-suq ghall-iqsar zmien possibli.

## 84.7 Cirkularijiet tad-Dipartiment Gvern Lokali

84.7.1 Giet ipprezentata Cirkulari mid-Dipartiment numru 2/2019 li tirrigwardja d-Data Protection. Gie spjegat li skond il-ligi l-gdida tal-GDPR kull Kunsill irid ikollu Data Protection Officer (DPO). Saret diskussjoni fejn is-Sindku gibed l-attenzjoni li din ser tkun diskussa waqt il-laqgha tas-Sindki.

## 84.8 Skeda ta' Pagamenti

84.8.1 L-iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill Lokali. Flimkien ma' din l-iskeda gie approvat ukoll il-pagamenti lill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali ghall-Assigurazzjoni tal-flus ghall-ammont ta' €65 u Assocjazzjoni ta' l-Infiorata inkluz l-Unesco ghall-ammont ta' €650.

**84.9 Korrispondenza u Materji ohra**

84.9.1 Giet trattata korrispondenza minghand il-Foodbank Lifeline fejn il-Kunsill gie mitlub sabiex jekk possibli jipprovdi post minn fejn ikun jista' jitqassam ikel lill-persuni fil-bzonn. Gie spjegat li dawn ghandhom is-social workers li ser ikunu huma li jiehu hsieb li jqassmu l-ikel. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li jista' joffri kamra mill-Health Centre tieghu.

84.9.2 Il-Kunsill ddiskuta dwar il-performance bonus li jinghata lill-impjegati tal-Kunsill. Il-Kunsill approva unanimament il-performance bonus tas-Segretarju Ezekuttiv ta' 10%.
Is-Sindku ddikjara lill-Kunsill li fil-kaz ta' l-impjegata Christina Camenzuli huwa kelllu interess familjari u ghalhekk irtira mill-kamra. Fuq talba tas-Sindku, ppresediet l-Vici Sindku. Il-Kunsill iddiskuta l-performance bonus ta' l-impjegata Christina Camenzuli fejn qabel unanimament li din ghandha tinghata l-performance bonus ta' 6%.

1.59pm Is-Sindku rega' gie msejjah lura fil-kamra.

84.9.3 Is-Sindku spjega li l-Kunsill gie mistieden sabiex jiehu sehem fi quizz li ser isir fuq program tat-television. Giet diskussa din il-materja fejn il-Kunsill qabel li ghandu jibghat lil zewg persuni mil-lokalita' sabiex jippartecipaw. Minhabba data protection act dawn ma jistax jitnizzel isimhom fuq il-minuti.

84.9.4 Telghet il-lotterija tar-roti ta' l-elettriku fejn telghu zewg residenti. Minhabba data protection act dawn ma jistax jitnizzel isimhom fuq il-minuti.

**84.10 Aggornament**

84.10.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Erbgha 27 ta' Frar, 2019 fin-12.30pm. Sar qbil li minhabba l-Unaudited Financial Statements ser issir laqgha ohra b'urgenza fil-gimgha ta' bejn 11 u 14 ta' Frar, 2019. Il-Kunsill qabel li ma' din il-laqgha ssir ukoll il-Laqgha Annwali tal-Lokalita' u ghaldaqstant din il-laqgha tibda' fl-4pm.

84.10.2 Il-laqgha spiccat fis-2.11pm.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |